**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq Il-Profs Ġużè Aquilina
Il-Munxar MXR1012
**-----------------------------------------**
**KUMITAT AMMINISTRATTIV IX-XLENDI**

**1.00 Laqgħa Numru KAX 19-2015**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tlieta, 17 ta' Novembru 2015, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

1.02 Il-Kumitat iltaqa' fil-5.15 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Mark Anthony Busuttil - *Chairperson.*
Is-Sinjorina Charmaine Vella - Viċi *Chairperson.*
Is-Sur Patrick Grima - Membru.
Is-Sur Saviour Xiberras - Membru.

Is-Sinjura Carmen Said - Sindku.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Skużata kien hemm is-Sinjura Joselle Camilleri - Membru.

1.04 Il-Kumitat segwa l-Aġenda li ntbagħtet fl-10 ta' Novembru 2015.

1. Approvazzjoni tal-Minuti.
2. Xogħlijiet fix-Xlendi.
3. Il-Kuntratt dwar il-kiri tal-*kiosk* tax-Xlendi.
4. Skema Inizjattivi Kulturali 2015-2018.
5. Tiżjin tal-Milied fix-Xlendi.
6. Rapport tas-Sindku.
7. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
8. Mistoqsijiet mill-membri.
9. Materji oħra.

1.05 Ġew approvati l-Minuti tal-laqgħa KAX 18-2015.

**2.00 Xogħlijiet fix-Xlendi.**

2.01 Qed titkompla l-bankina ta' Triq ir-Rumani u ser tkun lesta fil-ġranet li ġejjin.
Ir-*railing* ta' Triq il-Kantra għadu ma tranġax u issa aħjar inkellmu lill-persuna li hija s-sid tal-*high-up* li kisser dak ir-*railing*. Bħalissa qed jintużaw *bollards*.
Daqt jerġa' jibda t-tqattigħ ta' blat fil-*plot* ta' Triq San Xmun. Il-Kumitat diġà huwa miftiehem dwar il-ġranet u ħinijiet li għandu jsir ix-xogħol u tingħalaq it-triq.

**3.00 Il-Kuntratt dwar il-kiri tal-*kiosk* tax-Xlendi.**

3.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kumitat li l-kuntratt għall-kiri tal-*kiosk* tax-Xlendi lill-HSBC Bank Malta plc se jagħlaq f'Diċembru 2015. L-HSBC Bank Malta plc talab sabiex il-kirja terġa' tiġġedded għal tliet snin. Il-Kumitat qed iħallas kera lil-Lands Department is-somma ta' €625 fis-sena u l-kera lill-HSBC Bank Malta plc kienet €2,500 fis-sena. Ġie deċiż li minflok €2,500 fis-sena jitlob €3,650 fis-sena.

**4.00 Skema Inizjattivi Kulturali 2015-2018.**

4.01 Iċ-*Chairperson* ħadem fuq proposta ta' attivitajiet li tista' ssir fis-17 t'April 2016 bl-isem 'Ix-Xlendi Spring Festival'. Għal dan l-*event* se jiġi maħtur *manager* professjonali li se jiżgura s-suċċess tal-attività. Ir-Red Coats' Basketball Club u l-Bejta Artisan Team ser ikunu *partners* f'din l-attività. Din l-attività se tikkonsisti fi *stands* ta' arti u *crafts*, *stands* tal-ikel, attivitajiet għat-tfal, attivitajiet sportivi, *open day* tal-Mitħna, *stand* għal NGO's u *folk group* fuq l-i*stage*.

**5.00 Tiżjin tal-Milied fix-Xlendi.**

5.01 Peress li din is-sena kien hemm xi *savings*, peress li kennies ġie pprovdut mill-Ministeru għal Għawdex minflok ma tħallas mill-fondi tal-kumitat, ġie ordnat dan it-tiżjin:
Armatura f'forma ta' presepju, armatura f'forma ta' tliet xemgħat kbar, żewġ armaturi bil-qniepen u żewġ armaturi b'xemgħat. Dawn kollha se jiġu jiswew €845.00. Ġie ordnat festun tal-Milied li huwa *water proof* sabiex jitwaħħal fi Triq San Xmun. Dan se jiswa €839.40. Inxtara wkoll *roll-cable* li se jiswa €70 u €80 bozoz *spare* u xogħol biex jitpoġġa l-armar se jiġi madwar €800.

**6.00 Rapport tas-Sindku.**

6.01 Is-Sindku rreferiet għal *item* 2.01 – Xogħlijiet fix-Xlendi.

**7.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

7.01 Il-Kumitat irċieva talba sabiex fanal fi Trejqet il-Madonna tal-Karmnu jiġi mċaqlaq sabiex issir tinda, u żewġ bankijiet faċċata tal-istabbiliment jitneħħew. Mal-ilment intbagħtu r-ritratti. Il-Kumitat ma jaqbilx li l-bankijiet jiċċaqalqu u dwar il-fanal iċ-*Chairperson* kellu jmur jiċċekkja sabiex jiġi stabbilit jekk tinkisirx is-simetrija tal-fanali.

7.02 Il-Kumitat irċieva ittra mingħand resident fix-Xlendi fejn qed jagħti diversi suġġerimenti, kumplimenti u lmenti dwar l-ambjent tax-Xlendi. Se ngħaddu dawn il-kummenti lill-awtoritajiet ikkonċernati.

**8.00 Mistoqsijiet mill-membri.**

8.01 Is-Sinjorina Charmaine Vella ġibdet l-attenzjoni tal-Kumitat li fi Triq il-Puniċi hemm xi *wires* li huma mdendlin 'l isfel. Iċ-*Chairperson* kien ser imur jieħu r-ritratti.

**9.00 Materji oħra.**

9.01 Iċ-*Chairperson* bagħat *e-mail* lis-Sur Salvu Mallia dwar il-programm li kien ser itella' dwar Il-Munxar u Ix-Xlendi. Bħalissa ma jistax itella' dak il-programm minħabba raġunijiet ta' *airtime*.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.00 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar il-Ħamis, 17 ta' Diċembru 2015, fil-5.00 ta' filgħaxija.

**Mark Busuttil**
***Chairperson.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***